Parlament Ewropew
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**B8-0043/2016 }**
**B8-0051/2016 }**
**B8-0058/2016 } RC1**

20.1.2016

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
PPE (B8-0043/2016)
S&D (B8-0051/2016)
ALDE (B8-0058/2016)

dwar il-klawsola ta' difiża reċiproka (l-Artikolu 42(7) tat-TUE)
(2015/3034(RSP))

**Cristian Dan Preda, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Jacek Saryusz-Wolski, Elmar Brok, Andrej Plenković, Sandra Kalniete, Michèle Alliot-Marie, David McAllister, Tunne Kelam, Jaromír Štětina, Andrey Kovatchev, Lars Adaktusson, Gabrielius Landsbergis, Dubravka Šuica, Ramona Nicole Mănescu, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Fernando Ruas, Daniel Caspary, Alojz Peterle, Davor Ivo Stier, László Tőkés, Theodoros Zagorakis, Lorenzo Cesa, Dariusz Rosati, Roberta Metsola, Tokia Saïfi, Francisco José Millán Mon, Ivo Belet**
f'isem il-Grupp PPE
**Ioan Mircea Paşcu, Knut Fleckenstein, Richard Howitt, Victor Boştinaru, Gilles Pargneaux, Vincent Peillon, Ana Gomes, Nikos Androulakis, Guillaume Balas, Zigmantas Balčytis, Hugues Bayet, Brando Benifei, Goffredo Maria Bettini, José Blanco López, Vilija Blinkevičiūtė, Biljana Borzan, Nicola Caputo, Andi Cristea, Isabella De Monte, Monika Flašíková Beňová, Doru-Claudian Frunzulică, Eider Gardiazabal Rubial, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Sylvie Guillaume, Liisa Jaakonsaari, Afzal Khan, Miapetra Kumpula-Natri, Javi López, Costas Mavrides, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Victor Negrescu, Momchil**

**Nekov, Demetris Papadakis, Emilian Pavel, Pina Picierno, Tonino Picula, Miroslav Poche, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Siôn Simon, Monika Smolková, Tibor Szanyi, Claudia Tapardel, Marc Tarabella, István Ujhelyi, Julie Ward, Boris Zala**
f'isem il-Grupp S&D
**Urmas Paet, Nedzhmi Ali, Beatriz Becerra Basterrechea, Marielle de Sarnez, Fredrick Federley, Ivan Jakovčić, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart, Norica Nicolai, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Marietje Schaake, Jasenko Selimovic, Pavel Telička, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Hilde Vautmans, Guy Verhofstadt**
f'isem il-Grupp ALDE

**European Parliament resolution on the mutual defence clause (Article 42(7) TEU) (2015/3034(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(7) tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2(4) u 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi[1],

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII u l-Artikolu 51 tagħha,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tar-Repubblika Franċiża waqt il-Kungress Franċiż fis-16 ta' Novembru 2015 li Franza kienet fi stat ta' gwerra,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar id-difiża u s-sigurtà adottati mill-Kunsill Ewropew fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 u l-25 u s-26 ta' Ġunju 2015,

– wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin (tal-ministri tad-difiża) tas-17 ta' Novembru 2015,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-13 ta' Novembru 2015 seħħew bosta attakki terroristiċi f'Pariġi, li qatlu mill-inqas 130 persuna minn aktar minn 26 nazzjon, u billi l-Istati Membri tal-UE sofrew diversi attakki terroristiċi mill-2004, fejn inqatlu mijiet u diversi eluf sfaw midruba;

B. billi l-Gvern Franċiż uffiċjalment invoka l-klawsola ta' difiża reċiproka skont l-Artikolu 42(7) tat-TUE wara l-attakki terroristiċi f'Pariġi fit-13 ta' Novembru 2015;

C. billi s-solidarjetà, l-għajnuna u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri, inkluż permezz ta' rikors għall-mezzi tal-Unjoni, huma fost il-valuri fundamentali tal-UE;

D. billi, wara l-invokazzjoni min-naħa ta' Franza tal-klawsola ta' difiża reċiproka, l-Istati Membri tal-UE għandhom obbligu li jagħtu lill-Franza l-għajnuna u l-assistenza bil-mezzi kollha fis-setgħa tagħhom, skont l-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU; jenfasizza li l-prevenzjoni ta' kunflitti u attakki hija preferibbli mill-immaniġġjar tal-konsegwenzi tagħhom;

E. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali hija meqjusa bħala prijorità għall-UE, u billi biex ikun segwit il-prinċipju tas-solidarjetà hemm bżonn ta' azzjoni interna kif ukoll esterna; billi d-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà tal-UE huma neċessarjament relatati u marbuta mill-qrib; billi hija meħtieġa strateġija konġunta tal-UE;

[1] ĠU C 419, 16.12.2015, p. 138.

F. billi l-arkitettura tas-sigurtà u tad-difiża previsti mit-Trattati għadha ma ġietx implimentata b'mod sħiħ; billi l-Istati Membri huma responsabbli biex jiksbu progress fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni;

G. billi l-UE teħtieġ li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) sabiex tagħmel il-politiki ta' sigurtà u ta' difiża stabbiliti fi ħdan dawn iż-żewġ oqfsa dejjem aktar kompatibbli, b'mod partikolari meta Stat Membru jkun il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu, li tinkludi attakki terroristiċi;

H. billi jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu aktar attivi fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża, u jippromwovu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża minquxa fit-Trattati, inklużi dawk dwar ir-rwol partikolari tan-NATO fis-sigurtà u d-difiża Ewropea u transatlantika; billi l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jappoġġaw lill-Istati Membri kollha fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw dawk id-dispożizzjonijiet b'mod sħiħ;

I. billi l-Artikolu 42(6) tat-TUE dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti għandu jiġi attivat fost dawk l-Istati Membri li jixtiequ jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin;

J. billi l-UE adottat strateġija kontra t-terroriżmu li tiddependi kemm fuq l-istrumenti Komunitarji u kif ukoll fuq assi intergovernattivi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK); billi din l-istrateġija tipproponi li l-azzjonijiet tal-UE jkunu organizzati madwar erba' objettivi, jiġifieri l-prevenzjoni, il-protezzjoni, l-insegwiment u r-rispons;

K. billi r-rispons tal-UE għat-terroriżmu jinkludi l-promozzjoni tad-demokrazija, tad-djalogu u tal-governanza tajba sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-estremiżmu vjolenti;

1. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki terroristiċi tal-biża' mwettqa minn Daesh; jesprimi simpatija profonda, solidarjetà u l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi kollha tal-attakki terroristiċi u lill-familji tagħhom;

2. Jirrikonoxxi u jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ unanimu mogħti lill-Franza mill-Istati Membri kollha tal-UE; jilqa' r-rieda tal-Istati Membri kollha li jipprovdu l-għajnuna u l-assistenza sħiħa meħtieġa;

3. Ifakkar li l-klawsola ta' difiża reċiproka ġiet invokata għall-ewwel darba; iqis li l-każ preżenti għandu jservi bħala katalist għal diskussjonijiet politiċi aktar fil-fond dwar in-natura multidimensjonali tas-sigurtà u tad-difiża Ewropej;

4. Jinnota b'sodisfazzjon il-kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-kapaċitajiet imqiegħda għad-dispożizzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jistieden lill-Istati Membri kollha biex iżommu l-appoġġ dejjiemi u mingħajr kondizzjonijiet tagħhom u biex isostnu l-kontribuzzjonijiet tagħhom sakemm ikun meħtieġ; jinnota r-rwol ta' Franza bħala katalist f'dan l-isforz komuni u jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE biex jipprovdu u jsostnu l-appoġġ tagħhom kif meħtieġ;

5. Iqis li l-invokazzjoni tal-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà skont it-Trattati hija l-ewwel u qabel kollox kwistjoni politika; jenfasizza l-fatt li, meta dawn il-klawsoli huma invokati, kemm il-Kunsill Ewropew u kif ukoll il-Parlament Ewropew huma l-post fejn isir id-dibattitu politiku;

6. Jesprimi tħassib li l-immaniġġjar tal-għajnuna u tal-assistenza skont il-klawsola ta' difiża reċiproka fuq bażi bilaterali - bħalma hu dan il-każ - mhux se jkun possibbli għall-Istati Membri kollha; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill Ewropew biex iżid l-impetu għal aktar żvilupp tal-klawsola ta' difiża reċiproka u biex issaħħaħ ir-rwol tal-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE bħala faċilitaturi;

7. Ifakkar fl-istedina tiegħu, f'riżoluzzjonijiet preċedenti, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jipproponi arranġamenti u linji gwida prattiċi biex jiġi żgurat rispons effikaċi f'każ li Stat Membru jinvoka l-klawsola ta' difiża reċiproka, kif ukoll analiżi tar-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE jekk il-klawsola tiġi invokata; iqis li huwa ta' dispjaċir, madankollu, li ebda analiżi u ebda linji gwida ma kienu disponibbli meta l-klawsola ta' difiża reċiproka ġiet attivata għall-ewwel darba, u dan wassal għas-sitwazzjoni attwali li teħtieġ miżuri ad hoc, immaniġġjar ad hoc u kooperazzjoni ad hoc;

8. Iqis li l-istabbiliment ta' arranġamenti prattiċi u ta' linji gwida għall-attivazzjoni futura tal-klawsola ta' difiża reċiproka jibqa' prijorità urġenti; jenfasizza li t-tfassil ta' dawn il-linji gwida għandu jieħu kont tat-tagħlimiet meħuda mill-ewwel attivazzjoni tal-Artikolu 42(7);

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jiżviluppaw u jadottaw qafas ta' politika li jkun ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u li jkun fih skadenza, klawsola ta' reviżjoni u mekkaniżmi ta' monitoraġġ; jinsab ferm konvint li l-azzjonijiet nazzjonali, bilaterali jew multilaterali kollha wara l-attivazzjoni tal-Artikolu 42(7) għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill u jiġu ppubblikati fl-istess ħin;

10. Jinnota li l-klawsola ta' solidarjetà fl-Artikolu 222 tat-TFUE tagħmilha possibbli li l-mezzi rilevanti kollha tal-UE jkunu għad-dispożizzjoni ta' Franza u Stati Membri oħra direttament involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; ifakkar li l-Artikolu 222 tat-TFUE huwa mfassal speċifikament biex jittratta l-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi fl-Ewropa u jindirizza l-livelli baxxi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fl-Ewropa;

11. Huwa konvint li, abbażi tal-kapaċitajiet eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, l-UE teħtieġ kwartieri ġenerali ċivili-militari permanenti fil-livelli strateġiċi u operazzjonali, u li din l-istruttura għandha tingħata l-kompitu tal-ippjanar ta' kontinġenza strateġika u operazzjonali, inkluż fir-rigward tad-difiża kollettiva kif previst mill-Artikoli 42(7) u 42(2) tat-TUE u l-applikazzjoni futura tagħhom b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istrutturi rilevanti tan-NATO;

12. Hu tal-fehma li l-attivazzjoni attwali tal-Artikolu 42(7) tat-TUE għandha tkun il-katalist biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat relatati mas-sigurtà u d-difiża li għandhom ukoll jiġu applikati; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġi applikat b'mod sħiħ u korrett il-Pakkett ta' Difiża, li jinkludi d-Direttivi 2009/81/KE dwar l-akkwist għad-difiża u 2009/43/KE dwar it-trasferimenti intrakomunitarji;

13. Jistieden lill-pajjiżi Ewropej kollha biex ikomplu joffru kull appoġġ fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex jieħdu approċċ rigoruż f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom;

14. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li dawk li kienu l-moħħ wara l-attakki f'Pariġi jidhru li kienu ċittadini ta' pajjiżi tal-UE u twieldu u għexu fl-UE, u jitlob, għalhekk, għal miżuri

aktar xierqa biex jiġi kkontrollat il-moviment tal-armi, l-isplussivi u ta' dawk suspettati terroristi;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu skambju ta' informazzjoni strutturat u kooperazzjoni operazzjonali bejn il-ġestjoni tal-fruntieri, il-pulizija u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll skambju tal-intelligence permezz tal-interkonnessjoni tal-bażijiet ta' data nazzjonali u l-isfruttament sħiħ ta' oqfsa eżistenti, bħalma hija l-pjattaforma ta' netwerk sigur għall-iskambju ta' informazzjoni u intelligence tal-Europol (SIENA) u billi jiġi mmassimizzat l-użu ta' pjattaformi u servizzi oħrajn tal-Europol;

16. Jinsisti dwar approċċ komprensiv lejn d-deradikalizzazzjoni, inklużi l-isforzi fil-livell nazzjonali mmirati lejn iż-żgħażagħ, il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu li tiffoka fuq it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, il-prevenzjoni tal-kriminalità, u attivitajiet immirati tal-pulizija u ta' sigurtà bbażati fuq suspett individwali jew theddid konkret determinat minn persuni, mhux magni; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li r-regoli dwar l-akkwist u l-pussess ta' armi, ir-regoli tal-esportazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi jkunu aktar stretti;

17. Jappella għal politika estera komuni tal-UE dwar il-futur tas-Sirja u tal-Lvant Nofsani usa' b'koordinazzjoni mal-atturi rilevanti kollha; iqis li din il-politika għandha tkun parti integrali mill-Istrateġija Globali futura tal-UE;

18. Iqis l-attivazzjoni tal-klawsola ta' assistenza reċiproka bħala opportunità unika biex tiġi stabbilita bażi b'saħħitha u sostenibbli għal Unjoni Ewropea ta' Difiża; huwa tal-opinjoni li b'kapaċità awtonoma ta' sigurtà u ta' difiża biss li l-UE tkun mgħammra u lesta biex tiffaċċja t-theddid u l-isfidi kbar għas-sigurtà interna u esterna;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tal-Istati Uniti u lis-Segretarju tad-Difiża tal-Istati Uniti.